IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20-21 ta' Diċembru 2012 dwar talba lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali f'konformità mal-Artikolu 4(1) c) u d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

(2012/C 400/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Il-Kunsill eżamina proposta mill-Kummissjoni għal Deċiżjoni li tistabbilixxi Qafas Multiannwali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2013-2017.

Il-Kunsill jinnota li, b'kunsiderazzjoni tar-riżervi parlamentari pendenti tal-Istati Membri, mhuwiex ser ikun f'pożizzjoni li jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-qafas multiannawli (QMA) il-ġdid sal-aħħar tal-2012. Minħabba f'hekk, mill-1 ta' Jannar 2013 u sal-konklużjoni tal-proċedura għall-adozzjoni tal-QMA 2013-2017 mhuwa ser ikun hemm l-ebda att li jiddefinixxi l-oqsma ta' attività tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija").

Il-Kunsill iqis li wieħed mill-aspetti fundamentali tal-ħidma tal-Aġenzija huwa li tipprovdi pariri relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni, u li dan jitlob li l-attivitajiet tal-Aġenzija ma għandhomx iġarrbu interruzzjoni.

Il-Kunsill jieħu nota tal-adozzjoni mill-Aġenzija ta' programm ta' ħidma annwali għall-2013 ("il-programm ta' ħidma") [1], ibbażat fuq il-QMA 2008-2012. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-prijoritajiet u l-proġetti stabbiliti fil-programm ta' ħidma u l-koerenza tagħhom mal-mandat attwali tal-Aġenzija abbażi tal-QMA 2008-2012.

Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni mingħajr interruzzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija fis-sena 2013 u sal-adozzjoni tal-QMA ġdid, il-Kunsill iqis bħala essenzjali li l-Aġenzija tintalab timplimenta l-programm ta' ħidma.

L-Artikolu 4(1), c) u d), tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 ("ir-Regolament") jipprevedi li l-Aġenzija għandha, fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, twettaq, tikkoopera jew tinkoraġġixxi riċerka xjentifika u stħarriġ, studji preparatorju u studji dwar il-fattibbiltà; jew tifformula u tippubblika konklużjonijiet u opinjonijiet dwar suġġetti tematiċi speċifiċi, għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja.

B'kunsiderazzjoni ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jawtorizza lill-Presidenza biex tippreżenta f'isem il-Kunsill talba lill-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 4(1), c) u d), tar-Regolament biex twettaq ir-riċerka u l-attivitajiet ta' studju u l-proġetti stabbiliti fil-programm ta' ħidma, sa meta l-adozzjoni tal-QMA 2013-2017 jista' jkollha bżonn ta' reviżjoni tal-programm ta' ħidma.

[1] http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/2234-FRA_AWP2013_EN.pdf